MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 905/2005

**Citadel Insurance plc (C-21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha John Incorvaja (ID 100363M) u l-istess John Incorvaja**
**vs**
**Mario Domenic Caruana**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 t'April, 2005 fejn :**
**Prevja li l-konvenut jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li gara fi Triq Hompesch, Fgura, fit-18 ta' Jannar, 2004 li fiha kienu involuti l-vettura DAT 739 propjeta tal-attur John Incorvaja, u l-vettura CAL 753 misjuqa mill-konvenut, u dan stante li l-incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.**

**Intalab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mija u disgha u disghin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm199.70) jew somma verjuri rapprezentanti danni sofferti u spejjez inkorsi mill-atturi in konnessjoni u bhala kagun tal-incident premess.**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Novembru, 2004 u ta' dik kontestwalment mibjugha ma dan l-avviz a tenur tal-Kap 104 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fid-19 ta' Mejju, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma giet prezentata risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed isib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh u konsegwentament jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u disgha u disghin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm199.70) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-29 ta' Novembru, 2004.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Novembru, 2004 u ta' dik kontestwalment mibghuta ma dan l-avviz a tenur tal-Kap 104, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------